

Brussell, 29 ta' Marzu 2022  
(OR. en)

7695/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0101(NLE)**

---

**ECOFIN 280**  
**CADREFIN 44**  
**UEM 47**  
**FIN 375**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 152 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza tal-lżvezja

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 152 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 152 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.3.2022  
COM(2022) 152 final

2022/0101 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza tal-Iżvezja**

{SWD(2022) 102 final}

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza tal-Iżvezja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup> u b'mod partikulari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt fixkiel fuq l-ekonomija tal-Iżvezja. Fl-2019, il-prodott domestiku gross (PDG) *per capita* tal-Iżvezja kien ta' 148 % tal-medja tal-Unjoni. Il-PDG reali tal-Iżvezja naqas bi 2,9 % fl-2020 u żdied b' 1,8 % b'mod kumulattiv fl-2020 u l-2021. Aspetti li ilhom jeżistu b'impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fuq terminu medju jinkludu l-parteċipazzjoni għolja tal-forza tax-xogħol, settur tal-manifattura b'saħħtu u orjentat lejn l-esportazzjoni, pożizzjoni fiskali b'saħħitha, u xbieki tas-sikurezza soċjali ferm żviluppati, iżda wkoll żbilanċi persistenti li jirriżultaw mis-suq tad-djar u mid-dejn għoli tal-unitajiet domestiċi. Filwaqt li l-livell ta' produttività fl-ekonomija Żvediża huwa fost l-ogħla fl-UE, it-tkabbir fil-produttività kien kajman u għad hemm diskrepanzi fis-suq tax-xogħol. L-iżgurar ta' pass suffiċjenti fl-innovazzjoni, ta' provvista adegwata ta' ħaddiema tas-sengħa fi żminijiet ta' bidliet demografiċi u teknoloġiċi profondi, kif ukoll it-tneħħija progressiva tal-iżbilanċi makroekonomiċi jibqgħu kruċjali biex jitrawwem tkabbir sostenibbli, ibbilanċjat u inklużiv fl-Iżvezja.
- (2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza r-rakkomandazzjonijiet lill-Iżvezja fil-kuntast tas-Semestru Ewropew. B'mod partikulari, il-Kunsill irrakkomanda lill-Iżvezja biex tiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll fuq l-edukazzjoni, il-ħiliet, ir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tqis id-disparitajiet reġjonali. Bl-għan li s-suq tad-djar jiffunzjona, il-Kunsill irrakkomanda lill-Iżvezja biex tindirizza r-riskji relatati mad-dejn għoli tal-unitajiet domestiċi, biex tixpruna l-investiment fil-kostruzzjoni residenzjali fejn hemm l-aktar nuqqasijiet urġenti, u biex ittejjeb l-effiċjenza tas-suq tad-djar. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll it-titjib fl-effettività u fl-infurzar tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus. L-Iżvezja ġiet mistiedna biex tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru sussegwenti. Meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, l-Iżvezja jenħtieġ li ssegwi l-politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu medju ta' żmien u tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li ssaħħaħ l-investment. Fl-aħħar nett, l-Iżvezja nġhatat il-parir li tiżgura li s-sistema tas-saħħa tkun reżiljenti. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, "RRP"), il-Kummissjoni tikkonstata li r-rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-5G ġiet implimentata bis-siġħ. Sar progress sostanzjali fit-trasport sostenibbli kif ukoll fit-teħid tal-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat l-irkupru suċċessiv.

- (3) Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat reviżjoni fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> għall-Iżvezja. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Iżvezja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji ta' sopravvalutazzjoni fil-livell tal-prezzijiet tal-abitazzjonijiet flimkien ma' żieda kontinwa fid-dejn tal-unitajiet domestiċi.
- (4) Fit-28 ta' Mejju 2021 l-Iżvezja ppreżentat l-RRP nazzjonali tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Din il-preżentazzjoni segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, u kienet tinvolvi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sjieda nazzjonali tal-RRPs hija l-bażi tal-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom u tal-impatt dejjiemi fil-livell nazzjonali, u tal-kredibbiltà fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.
- (5) Jenħtieġ li l-RRPs isegwu l-oġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 (il-"Faċilità") u tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Huma jenħtieġ li jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastru msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri se tikkostitwixxi sforz ikkoordinat li jinvolvi riformi u investimenti fl-Unjoni. Permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata u simultanja u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntieri u multinazzjonali, dawn ir-riformi u l-investimenti se jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi fl-Unjoni. Għalhekk, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-Istati Membri se jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħra.

### ***Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastru***

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25)

- (7) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Anness V, it-Taqsima 2.1 tiegħu, l-RRP jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (il-Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmijin fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat u l-allokkazzjoni finanzjarja tiegħu.
- (8) L-RRP jinkludi miżuri li jikkontribwixxu għas-sitt pilastri kollha, b'għadd ta' komponenti li jindirizzaw diversi pilastri fl-istess waqt. Approċċ bħal dan jgħin biex jiżgura li kull pilastru jiġi indirizzat b'mod komprensiv u koerenti. Il-miżuri għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u tat-trasport u biex jiġu appoġġati proġetti lokali u reġjonali dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) huma mistennija jippromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika. Dawn huma appoġġati aktar permezz ta' skemi ta' appoġġ pubbliku biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-bini, inkluż permezz tal-użu ta' sistemi tal-enerġija intelliġenti. L-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod komprensiv għall-pilastri diġitali, b'miżuri li jkomplu jtejbu l-konnettività b'veloċità għolja, irawmu l-ħiliet diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u jsaħħu l-e-Gvern u s-servizzi pubbliċi diġitali.
- (9) L-appoġġ għall-iżvilupp u l-applikazzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda fil-qasam ekoloġiku huwa mistenni jgħin lill-ekonomija Żvediża tikber b'mod intelliġenti u sostenibbli. L-appoġġ għat-tiġdid u titjib tal-ħiliet huwa mistenni jikkontribwixxi għat-tkabbir inklużiv għal kulħadd. Barra minn hekk, il-miżuri mmirati biex jindirizzaw l-isfida demografika, jiġifieri l-aġġustamenti tal-limiti tal-età fis-sistemi tal-pensjonijiet u tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa, huma mistennija jgħinu biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-mudell ekonomiku u soċjali Żvediż. Fir-rigward tal-koeżjoni soċjali u territorjali, l-appoġġ għall-introduzzjoni tal-broadband fiż-żoni rurali huwa mistenni li jgħin biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għall-konnettività b'veloċità għolja u b'hekk titrawwem il-koeżjoni territorjali, filwaqt li l-koeżjoni soċjali hija mistennija titrawwem permezz ta' miżuri mmirati lejn l-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll permezz ta' miżuri biex tiżdied il-provvista tal-abitazzjonijiet.
- (10) Ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa Żvediża jenħtieġ li tittejjeb permezz ta' miżuri mmirati biex tiżdied il-provvista ta' persunal imħarreġ sew, filwaqt li r-reżiljenza tas-sistema finanzjarja Żvediża jenħtieġ li tittejjeb billi tissaħħaħ l-effettività tal-Awtorità Superviżorja Finanzjarja. L-RRP se jikkontribwixxi għar-reżiljenza soċjali billi jrawwem prospetti ta' tranżizzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-miżuri għad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika flimkien ma' riformi għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu se jkun ta' benefiċċju għar-reżiljenza istituzzjonali. L-RRP Żvediż mistenni jikkontribwixxi għall-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss b'miżuri dwar il-lingwa Żvediża u t-taħriġ vokazzjonali, billi jipprovdi riżorsi addizzjonali lill-universitajiet, u permezz ta' riforma fis-sistema tal-protezzjoni tal-impjiegi li jenħtieġ li ttejjeb il-prospetti tal-impjiegi għall-ġenerazzjoni żagħżuġha.

***L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż***

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Anness V, it-Taqsima 2.2 tiegħu, l-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom (il-Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-

pajjiż indirizzati lill-Iżvezja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom u r-rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (12) L-RRP jinkludi ġabra estensiva ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin u li jikkontribwixxu biex jindirizzaw l-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi ekonomiċi u soċjali b'mod effettiv deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Iżvezja mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u fl-2020, b'mod partikolari f'oqsma li jirrigwardaw ir-reżiljenza tal-kura tas-saħħa, it-tranżizzjoni klimatika u diġitali, l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-provvista u tal-mobbiltà fis-suq tad-djar.
- (13) L-RRP jinkludi miżuri biex jiżiedu l-aċċessibbiltà u l-kapaċità tas-sistema tal-kura tas-saħħa. It-tiżiħ tar-reżiljenza tal-kura tas-saħħa huwa inkorporat fi pjan usa' biex tiġi aġġornata s-sistema tal-kura tas-saħħa. Il-kura tas-saħħa Żvediża hija mistennija li tibbenefika mill-RRP permezz tat-taħriġ tal-fornituri tal-kura tal-anzjani, aktar postijiet ta' studju fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (Yrkesvux) b'enfasi fuq is-saħħa u l-kura soċjali, u permezz tal-introduzzjoni ta' titolu protett għall-infermiera assistenti, biex b'hekk din il-professjoni ssir aktar attraenti għall-impjegati potenzjali.
- (14) L-RRP jiffoka b'mod qawwi fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, it-tranżizzjonijiet tal-enerġija u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u l-infrastruttura sostenibbli. It-tranżizzjoni ekoloġika hija appoġġjata minn skemi wiesgħa ta' sussidju mmirati biex iħaffu d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u t-trasport permezz tal-promozzjoni tal-investment fl-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għal soluzzjonijiet ħielsa mill-fjuwils fossili. It-tranżizzjoni diġitali hija appoġġjata b'mod partikolari minn investimenti apposta biex tkompli tittejjeb il-konnettività b'veloċità għolja, u miżuri li jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika.
- (15) L-RRP fih diversi riformi u investimenti mmirati biex itejbu l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet b'mod partikolari kemm permezz taż-żieda fl-għadd ta' opportunitajiet ta' taħriġ, inkluż għall-persunal fil-kura tal-anzjani, kif ukoll fl-għadd tal-postijiet ta' studju fit-taħriġ vokazzjonali u fl-edukazzjoni għolja, b'enfasi fuq individwi b'diffikultajiet partikolari fis-suq tax-xogħol. Flimkien mal-miżura li timmodernizza l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi, dan se jipprovdi aktar inċentivi biex jiżied il-kapital uman u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jinbidlu, speċjalment fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.
- (16) L-RRP huwa mistenni li jnaqqas ir-riskju tal-ħasil tal-flus fis-sistema finanzjarja permezz ta' żewġ miżuri li jsaħħu s-superviżjoni u l-infurzar effettivi tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus. Huwa mistenni wkoll li jtejjeb il-provvista tal-akkomodazzjonijiet għall-kiri u l-kundizzjonijiet tal-provvista fis-suq tad-djar.
- (17) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-RRP tal-Iżvezja, minkejja l-fatt li l-Iżvezja ġeneralment irreaġixxiet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li l-ekonomija tiġi appoġġata permezz ta' mezzi fiskali fl-2020 u fl-2021, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-RRP jindirizza l-isfidi msemmija hawn fuq u huwa mistenni li jikkontribwixxi wkoll, sa ċertu punt, għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi kif identifikat fir-

rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2019 u l-2020 li l-Iżvezja qed tesperjenza, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji ta' sopravvalutazzjoni fil-livelli tal-prezzijiet tal-abitazzjonijiet flimkien ma' żieda kontinwa fid-dejn tal-unitajiet domestiċi.

***Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali***

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Anness V, it-Taqsima 2.3 tiegħu, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt qawwi (il-Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Iżvezja, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali bil-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isahha il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (19) Simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-RRP, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea, għandu l-potenzjal li jżid il-PDG tal-Iżvezja b'0,2 % sa 0,3 % sal-2026, bl-esklużjoni tal-impatt pożittiv possibbli tar-riformi strutturali. L-RRP huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi għall-impjiegi, b'mod partikolari fl-2021-2022. L-effetti pożittivi persistenti l-aktar sinifikanti fuq it-tkabbir, il-produttività u s-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju sa perjodu twil huma mistennija li jirriżultaw minn riformi tas-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet u l-bidliet fil-leġislazzjoni tas-suq tax-xogħol.
- (20) L-RRP jippreżenta pakkett ta' investimenti u riformi fl-edukazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-kura tas-saħħa bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-isfidi f'dawn l-oqsma, u b'hekk jikkontribwixxi b'diversi modi għal opportunitajiet indaqs u aċċess aħjar għas-suq tax-xogħol, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Iż-żieda fl-offerta tal-edukazzjoni vokazzjonali kif ukoll ta' aktar postijiet ta' edukazzjoni madwar l-Iżvezja kollha għandhom il-potenzjal li jipprovdu spinta lill-impjiegi u l-produttività, filwaqt li jrawmu l-koeżjoni soċjali. Barra minn hekk, iż-żieda fil-provvista u fil-kwalità tas-servizzi tal-kura fit-tul jenħtieġ li tħalli impatt pożittiv fuq il-ħajja tal-anzjani, filwaqt li l-miżuri ta' appoġġ speċjali mmirati lejn l-istudenti u l-familji bi dħul baxx jenħtieġ li jtejbju l-pożizzjoni tal-gruppi żvantaġġati fis-suq tad-djar.
- (21) Il-miżuri biex jitrawmu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali huma mistennija li jagħmlu l-ekonomija Żvediża aktar innovattiva u sostenibbli. B'mod partikolari, l-appoġġ għall-espansjoni tal-broadband huwa mistenni li jkompli jagħti spinta lit-tranżizzjoni diġitali marbuta max-xogħol li għandha tnaqqas il-vulnerabbiltajiet li jinterrompu l-katina tal-provvista. Il-miżuri biex jitjeb it-tlaqqiġh tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol u biex jingħelbu d-diskrepanzi fil-ħiliet għandhom jgħinu biex tinżamm il-kompetittività b'saħħitha tal-Iżvezja u biex jiġu ffaċilitati l-aġġustamenti f'każ ta' ċirkostanzi ekonomiċi negattivi. Barra minn hekk, l-enfasi tal-RRP fuq l-inizjattivi ambjentalment sostenibbli għandha tnaqqas l-esponiment għall-attivitajiet ekonomiċi mhux sostenibbli f'riskju ta' obsolexxenza. B'kollox, l-RRP jippromwovi struttura tal-industrija bbażata fuq attivitajiet ekonomiċi aġli u innovattivi, li jwasslu għar-reżiljenza.

***La tagħmilx ħsara sinifikanti***

- (22) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Anness V, it-Taqsima 2.4 tiegħu, l-RRP huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (il-Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inkluża fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont is-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (23) F'konformità mal-avviż “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza” adottat mill-Kummissjoni Ewropea<sup>4</sup>, l-Iżvezja pprovdiet ġustifikazzjoni li l-miżuri kollha inklużi fl-RRP tagħha ma jagħmlu l-ebda ħsara sinifikanti lil xi objettiv ambjentali. Ingħatat attenzjoni partikolari lill-miżuri li l-impatt tagħhom fuq l-objettivi ambjentali jeħtieġ skrutinju mill-qrib. L-Iżvezja pprovdiet evidenza sostanzjali u tippredvi l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni biex tevita dannu sinifikanti, li jenħtieġ li jiġu żgurati permezz ta' stadji importanti rilevanti. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-iskemi ta' investiment għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni u l-iskemi wiesgħa ta' appoġġ permezz tal-inizjattivi l-“Qabża Industrijali” u l-“Qabża Klimatika” biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, li jistgħu jinkludu installazzjonijiet koperti permezz tal-Iskema tal-UE għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet (ETS).

#### ***Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità***

- (24) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Anness V, it-Taqsima 2.5 tiegħu, l-RRP jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira jikkontribwixxu (il-Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 44,4 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament, l-RRP jikkonforma mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (25) Ir-riformi u l-investimenti huma mistennija li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni u tat-tranżizzjoni tal-enerġija kif stabbilit fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-Iżvezja, u b'hekk jikkontribwixxu għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030. Għadd ta' miżuri ambizzjużi, miġbura flimkien f'komponent “ekoloġiku” apposta tal-RRP jappoġġaw l-objettivi klimatiċi, b'xi miżuri li jappoġġaw ukoll objettivi ambjentali oħra, inkluża l-preservazzjoni tal-bijodiversità. L-implimentazzjoni tal-miżuri hija mistennija li jkollha impatt dejjiemi, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika, it-titjib tal-bijodiversità, u l-protezzjoni ambjentali.
- (26) L-RRP jipprevedi investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi industrijali intensivi fl-emissjonijiet kif ukoll investimenti fi proġetti klimatiċi lokali u reġjonali li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, inklużi l-infrastrutturi tal-iċċarġjar tal-karozzi elettriċi u l-produzzjoni sostenibbli tal-

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

<sup>4</sup> ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

bijofjuwils. L-RRP għandu wkoll l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra permezz ta' investimenti biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija ta' binjiet b'ħafna abitazzjonijiet u tittejjeb l-infrastruttura ferrovjarja, filwaqt li l-investimenti għall-protezzjoni ta' żoni naturali ta' valur, b'mod partikolari l-foresti, jappoġġaw direttament il-preservazzjoni tal-bijodiversità u tal-ħabitats naturali. L-investimenti huma kkumplimentati minn pakkett ta' riformi ambizzjużi li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża żieda fit-taxxa fuq l-enerġija, aġġustament fil-kalkolu tal-benefiċċji tat-taxxa fuq il-karozzi biex tiġi riflessa aħjar l-impronta tal-karbonju tal-karozzi u ż-żidiet fl-ishma tal-enerġija rinnovabbli fil-fjuwils użati mis-settur tat-trasport.

- (27) Il-miżuri li jinsabu fl-RRP jikkontribwixxu għall-kisba tal-mira klimatika tal-Unjoni għall-2050 kif ukoll għall-mira tal-Iżvezja li tikseb in-newtralità karbonika sal-2045.

### ***Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali***

- (28) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Anness V, it-Taqsima 2.6 tiegħu, l-RRP jinkludi miżuri li jikkontribwixxu (il-Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 20,5 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.
- (29) Il-miżuri tal-RRP jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-Iżvezja relatati mat-tranżizzjoni diġitali. B'mod partikolari, filwaqt li l-konnettività diġitali tal-Iżvezja hija ġeneralment avvanzata sew, hemm lakuni fil-konnettività f'żoni ftit li xejn popolati. L-appoġġ għall-introduzzjoni tal-broadband jenħtieġ li jgħin biex jitjieb l-aċċess għall-konnessjonijiet ta' veloċità għolja f'dawn iż-żoni. Biex tiġi indirizzata l-iskarsezza ta' esperti fis-settur tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni, minkejja l-livell għoli ġenerali ta' ħiliet diġitali fost il-popolazzjoni Żvediża, l-RRP fih miżuri ta' investment biex jżied l-għadd ta' postijiet ta' studju fl-edukazzjoni vokazzjonali għolja f'oqsma rilevanti. Barra minn hekk, l-RRP fih investimenti biex tiżdied l-edukazzjoni f'universitajiet u f'istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni għolja, b'shem sostantiv jmur għal programmi li jżidu l-ħiliet diġitali.
- (30) Il-miżuri fl-RRP huma mistennija li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali fl-Iżvezja billi jagħtu appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika. L-RRP huwa mistenni li jrawwem sinerġiji fl-indirizzar tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali billi jappoġġa l-applikazzjoni ta' sistemi intelliġenti tal-enerġija biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-bini.

### ***Impatt deġġiem***

- (31) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Anness V, it-Taqsima 2.7 tiegħu, l-RRP huwa mistenni li fil-biċċa l-kbira jkollu impatt deġġiem fuq l-Iżvezja (il-Klassifikazzjoni A).
- (32) L-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRP hija mistennija li għib bidla strutturali fl-ekonomija billi ssaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni, is-sostenibbiltà ambjentali, il-ħiliet diġitali u l-koeżjoni soċjali tagħha. Din tgħolli s-sehem tat-taxxi ambjentali li jwassal għall-kisba tal-għanijiet klimatiċi tal-Iżvezja, u għandha tħaffef t-trasmazzjoni ekoloġika tal-ekonomija. Din hija aċċentwata aktar permezz tal-promozzjoni tat-teknoloġiji innovattivi għal soluzzjonijiet ħielsa mill-fjuwils fossili f'industriji li jużaw ħafna enerġija.

- (33) L-RRP jappoġġja l-koeżjoni soċjali u territorjali u l-konverġenza, li huma mistennija jkollhom wkoll effetti pożittivi fit-tul. Il-miżura tal-broadband hija maħsuba għal reġjuni mingħajr il-provvista estensiva tal-broadband u b'hekk tippromwovi l-koeżjoni reġjonali fir-rigward ta' żoni b'popolazzjoni inqas densa fil-pajjiż. Dan jenħtieġ li jippermetti li kulħadd jieħu sehem fiċ-ċaqliq soċjali u ekonomiku 'l fuq li jkun xprunat mid-diġitalizzazzjoni. L-investimenti fl-edukazzjoni, immirati l-aktar lejn l-edukazzjoni vokazzjonali u l-edukazzjoni għal individwi b'diffikultajiet partikolari fis-suq tax-xogħol kif ukoll programmi għat-titjib tal-għarfien tal-lingwa Żvediża fost ir-residenti kollha, huma mistennija li jkollhom impatt pożittiv fit-tul fuq il-koeżjoni soċjali u l-integrazzjoni. Il-miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-innovazzjoni u l-għieda kontra l-impatti negattivi tax-xejriet demografiċi jappoġġaw iż-żidiet fil-produttività u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Dawn jgħinu biex titjeb il-kapaċità biex jiġu appoġġati investimenti futuri li jsaħħu t-tkabbir.
- (34) L-impatt dejjiemi tal-RRP jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn l-RRP u programmi oħra, inklużi dawk iffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati l-isfidi territorjali u jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat. Ir-riformi strutturali relatati biex isaħħu l-potenzjal tat-tkabbir, isaħħu l-bażi innovattiva tal-ekonomija Żvediża u jindirizzaw l-iżbilanċi makroekonomiċi se jkomplu jgħinu biex jiġi żgurat perkors ta' tkabbir bilanċjat u sostenibbli lil hinn mill-perjodu kopert mill-RRP.

#### ***Il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni***

- (35) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Anness V, it-Taqsima 2.8 tiegħu, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (il-Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluża l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (36) Il-Ministeru tal-Finanzi tal-Iżveġja huwa responsabbli mill-implimentazzjoni ġenerali tal-RRP Żvediż, filwaqt li l-Awtorità Finanzjarja Nazzjonali Żvediża (ESV) hija responsabbli mill-monitoraġġ tal-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri. Dawn huma ċari u realistiki biżżejjed biex jiġi żgurat li t-tlestija tagħhom tiġi ttraċċata u vverifikata u li jkunu bbażati fuq indikaturi rilevanti, aċċettabbli u robusti. Il-mekkaniżmi ta' verifika, il-ġbir tad-*data* u r-responsabbiltajiet deskritti mill-awtoritajiet Żvediżi huma mistennija li jkunu robusti biżżejjed biex jiġġustifikaw b'mod adegwat it-talbiet għall-iżborż. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għall-miżuri li diġà tlestew li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-tweqqiq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti u tal-miri maż-żmien huwa meħtieġ biex tkun iġġustifikata t-talba għal żborż.
- (37) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonossut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> biex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-RRPs tagħhom.

#### ***L-ispejjeż***

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

- (38) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Anness V, it-Taqsima 2.9 tiegħu, il-ġustifikazzjoni mogħtija fl-RRP dwar l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP hija moderatament (il-Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (39) L-Iżvezja ġeneralment ipprovdiet rendikonti dettaljati tal-istimi tal-ispejjeż individwali għall-investimenti u r-riformi, bl-spiża assoċjata inkluża fil-pjan. Il-ġustifikazzjoni tal-ispejjeż hija primarjament ibbażata fuq tqabbil ma' proġetti preċedenti jew paralleli li huma simili fin-natura tagħhom għall-miżuri proposti. Għall-miżuri li għandhom spejjeż li jistgħu ma jgħux iddeterminati fid-dettall *ex ante*, bħal skemi xprunati mid-domanda b'sejniet għal proposti, l-Iżvezja pprovdiet evidenza biex turi li l-ammont globali li għandu jintefaq mhuwiex sproporzjonat mal-ħtiġijiet ta' finanzjament tas-setturi fil-mira. Il-valutazzjoni tal-ispejjeż turi li l-biċċa l-kbira tal-ispejjeż fl-RRP huma raġonevoli u plawżibbli. Madankollu, minħabba l-fatt li għal xi miżuri r-rabta bejn il-ġustifikazzjoni u l-ispiża nnifisha mhijiex kompletament ċara, il-klassifikazzjoni ta' "A" għal dan il-kriterju hija prekluziva. Fl-aħħar nett, l-ispiża totali stmata tal-RRP hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

### ***Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni***

- (40) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Anness V, it-Taqsima 2.10 tiegħu, l-arranġamenti proposti fir-RRP u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (il-Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi pprovduti skont dan ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju taħt dan ir-Regolament u programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinfurzaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>.
- (41) L-RRP huwa akkumpanjat minn miżuri ta' implimentazzjoni, inklużi miżuri komprensivi ta' salvagwardja fir-rigward tal-kontroll u l-awditjar, soġġetti għall-implimentazzjoni sħiħa tal-istadji importanti addizzjonali apposta f'dan il-qasam. Il-Ministeru tal-Finanzi jerfa' r-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-RRP u għandu jwieġeb f'isem l-entitajiet kollha tas-settur pubbliku dwar l-aspetti operattivi u amministrattivi tal-RRP. Il-Ministeru tal-Finanzi għandu wkoll ir-responsabbiltà li jittratta u jiżgura tweġiba ċentrali għat-talbiet għall-informazzjoni u aċċess għad-*data* dwar ir-riċevituri finali. Il-ġbir u l-ħżin ta' din id-*data* jiġu żgurati mill-awtoritajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-RRP. Sabiex tiġi żgurata koerenza fl-implimentazzjoni tal-RRP, l-awtorità tal-awditjar ġenerali hija l-Awtorità Nazzjonali Żvediża tal-Ġestjoni Finanzjarja (ESV) li se tassisti lill-Ministeru tal-Finanzi bid-dmirijiet ġenerali tiegħu ta' koordinazzjoni. L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar (NAO) jikkontribwixxi wkoll permezz ta' awditi rikorrenti dwar l-effiċjenza, l-effikaċja u l-

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

affidabbiltà tal-kontijiet, filwaqt li jaġixxi b'mod indipendenti mill-gvern fit-twettiq tal-mandat tiegħu mogħti mill-Parlament.

- (42) Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fl-RRP tal-Iżvezja tippreżenta proċess u struttura robusti, fejn ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-entitajiet ta' implimentazzjoni huma definiti b'mod ċar u l-funzjonijiet ta' kontroll rilevanti huma segregati b'mod xieraq. Jenħtieġ li l-istadji importanti jiġu stabbiliti b'tali mod li jirrikjedu d-dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi li jstabbilixxu mandati legali għall-korpi involuti fil-koordinazzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-awditjar tal-implimentazzjoni tal-RRP Żvediż, filwaqt li jstabbilixxu b'mod partikolari l-mandati għall-entitajiet governattivi kollha involuti fl-aspetti operazzjonali tal-implimentazzjoni tal-RRP, il-ħatra tal-awtorità tal-awditjar u l-korp responsabbli mill-elaborazzjoni ta' strateġija tal-awditjar dwar l-implimentazzjoni tal-RRP. Dawn l-istadji importanti jenħtieġ li jiżguraw li s-sistema tinkludi bħala minimu l-funzjonijiet li ġejjin: (a) il-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u tal-miri; u (b) l-ġbir u l-ħżin tad-*data* u l-iżgurar ta' aċċess għad-*data* obbligat mill-Artikolu 22(2), il-punt (d) minn (i) sa (iii), tar-Regolament (UE) 2021/241.

### ***Koerenza tal-RRP***

- (43) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Anness V, it-Taqsima 2.11 tiegħu, l-RRP jinkludi fil-biċċa l-kbira miżuri (il-Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (44) L-RRP huwa kkaratterizzat minn viżjoni konsistenti biex l-irkupru jintuża bħala xprun biex jitħaffu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u biex titrawwem il-koeżjoni soċjali, filwaqt li juri koerenza bejn il-komponenti u l-miżuri individwali. Ir-riformi u l-investimenti f'kull komponent huma konsistenti u jsaħħu lil xulxin, u jeżistu sinerġiji u komplementarjetajiet bejn il-komponenti. Pereżempju r-riforma biex jitrawwem it-taħriġ vokazzjonali fil-kura tas-saħħa u soċjali flimkien mat-taħriġ fil-lingwa Żvediża hija mistennija li tindirizza l-isfidi relatati ma' gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol. Fl-istess ħin din ir-riforma għandha tgħin ukoll biex jiġu żgurati servizzi tal-kura ta' kwalità għolja, li jikkomplementaw l-inizjattiva speċifika dwar il-kura tal-anzjani kif ukoll il-miżura li tirregola l-professjoni tal-infermiera.

### ***Ugwaljanza***

- (45) L-RRP fih miżuri li f'livelli differenti huma mistennija li jgħinu lill-Iżvezja tindirizza l-isfidi fl-oqsma tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, b'mod partikolari fl-edukazzjoni u t-taħriġ, immirati fost l-oħrajn lejn iż-żgħażaġh u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni u dawk b'diżabbiltajiet. L-RRP jirrifletti l-għan ġenerali tal-politika ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-Gvern, biex in-nisa u l-irġiel ikollhom l-istess possibbiltà li jsawru s-soċjetà u ħajjithom stess. L-RRP huwa mistenni li jkun għodda importanti għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ibbaġitjar sensitiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru.

### ***Awtovalutazzjoni tas-sigurtà***

- (46) Ma ġietx ipprovduta awtivalutazzjoni tas-sigurtà peress li ma tqisitx adegwata mill-Iżvezja, f'konformità mal-Artikolu 18(4), il-punt (g), tar-Regolament (UE) 2021/241.

### ***Proċess ta' Konsultazzjoni***

- (47) Fl-istadji preparatorji tal-RRP Svediż, hemm bosta konsultazzjonijiet mas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tan-negozju, inkluż fil-qafas tal-koordinazzjoni nazzjonali dwar is-Semestru Ewropew fil-livell tas-servizzi. Saret laqgħa mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Bħala parti mill-proċess, il-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-gruppi ta' interess, in-negozji u r-rappreżentanti tal-muniċipalitajiet u r-reġjuni ppreżentaw proposti. Ir-riformi jew il-miżuri fl-RRP li jinvolvu bidla fil-leġiżlazzjoni eżistenti ġew ippreċeduti jew huma mistennija li jiġu ppreċeduti, b'mod partikolari mill-preżentazzjoni ta' proposti lill-awtoritajiet rilevanti, lill-muniċipalitajiet, lill-assoċjazzjonijiet u lill-individwi.
- (48) Fejn applikabbli, il-partijiet kkonċernati jenħtieġ li jkomplu jkunu involuti fl-implimentazzjoni tal-miżuri rispettivi, biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ikollhom kuntatt kontinwu ma' ċittadini, kumpaniji, muniċipalitajiet u reġjuni. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP.

### ***Valutazzjoni pożittiva***

- (49) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP tal-Iżvezja bil-konstatazzjoni li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura.

### ***Kontribuzzjoni finanzjarja***

- (50) L-ispiża totali stmata tal-RRP tal-Iżvezja hija ta' SEK 33 304 030 000, li hija ugwali għal EUR 3 289 286 914, abbażi tar-rata ta' referenza tal-BĊE bejn l-EUR u l-SEK tat-28 ta' Mejju 2021. Peress li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, peress li l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Iżvezja, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP tal-Iżvezja jenħtieġ li tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Iżvezja.
- (51) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Iżvezja jrid jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 23(1) ta' dan ir-Regolament, issa jenħtieġ li jkun disponibbli ammont bħala impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022 għall-Iżvezja, li ma jaqbiżx il-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament. Il-Kunsill, fejn ikun meħtieġ, wara l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima, jenħtieġ li fuq proposta tal-Kummissjoni jemenda din id-Deċiżjoni biex jinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11(2) ta' dan ir-Regolament, mingħajr dewmien żejjed.
- (52) L-appoġġ li għandu jingħata għandu jiġi ffinanzjat mill-għoti b'self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni abbażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE,

Euratom)2020/2053<sup>7</sup>. L-appoġġ jenħtieġ li jitħallas bin-nifs ladarba l-Iżvezja tkun wettqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati b'rabta mal-implimentazzjoni tal-RRP.

- (53) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-ġhotti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief skont il-Faċilità jew ta' proċeduri marbuta ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

##### *Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP*

Il-valutazzjoni tal-RRP tal-Iżvezja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

##### *Kontribuzzjoni finanzjarja*

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Iżvezja kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli li jammonta għal EUR 3 288 516 389<sup>8</sup>. L-ammont ta' EUR 2 910 807 980 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-Iżvezja li hija ugwali għal jew aktar minn EUR 3 288 516 389, għandu jkun disponibbli ammont ieħor ta' EUR 377 708 409 biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-Iżvezja li tkun inqas minn EUR 3 288 516 389, id-differenza bejn il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata u l-ammont ta' EUR 2 910 807 980 għandha tkun disponibbli biex tkun legalment impenjata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2021/241 mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għall-Iżvezja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-ħlasijiet parzjali f'parti waħda jew f'diversi partijiet. Id-daqs tal-partijiet għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

<sup>7</sup> ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

<sup>8</sup> Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-Iżvezja għall-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

3. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament għandu jkun kondizzjonali għall-finanzjament disponibbli u għal deċizzjoni tal-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Iżvezja tkun laqgħet b'mod soddisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. Sabiex tkun eliġibbli għall-ħlas, l-Iżvezja għandha tlesti l-istadji importanti u l-miri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, soġġetti għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 3*  
*Destinatarju*

Din id-Deċizzjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Iżvezja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*